MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tas-7 ta' Dicembru, 2011

Numru. 810/2005

**PULIZIJA**
**SPETTUR JESSICA GRIMA**
**VS**
**CARMELO BALDACCINO**
**DAVID SCHEMBRI**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Carmel Baldacchino, ta’ 37 sena, iben Joseph u Doris nee’ Bonnici, imwieled Attard, nhar id-9 ta’ Mejju 1968, residenti fil-fond numru 22, Kewba ta’ Filghodu, Triq tal-Gheriebel, Msida, detentur tal-karta tal-Identita numru 211868M;

U kontra David Schembri, ta’ 32 sena, iben Denis u Maria nee’ Frendo, imwieled Mtarfa, nhar is-16 ta’ Frar 1973, residenti fil-fond numru 45, Triq il-Bieqja B’Zebbuga, detentur tal-Karta tal-Identita’ numru 99573M.

U Akkuzati talli f'Malta fil-lejl ta' bejn it-12 u t-13 ta' Settembru, 2005, gewwa Triq Katerina Vitale, San Pawl il-Bahar ghall-habta tal-ghaxra ta filghaxija:

a) Talli bla ordni skond il-ligi tal-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arrestaw, zammu jew issekkwestraw lil xi persuna, u cioe' lil John Mc Kuoen kontra l-volonta' tieghu u/jew tagha l-post biex fih din il-persuna giet arrestata, mizmuma jew issekwestrata, u dan bi ksur tal-Artikolu 86 tal-Kapitolu 9, tal-Ligijiet ta' Malta;
b) Ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi b'diversi atti mghamulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi, u li kienu maghmulin b'rizoluzzjoni wahda bla hsieb li jisraw jew li jaghmel hsara kontra l-ligi, izda biss biex jezerita jedd li jippretendi li ghandu, gieghel bl-awtorita tieghu nnifsu, lil John McKuoen ihallas dejn, jew jesegwixi obbligazzjoni, tkun li tkun, jew b'xi mod iehor, kontra l-ligi, jindahal fi hwejjeg hadd iehor, ai termini tal-Artikolu 85;
c) Akkuzati wkoll talli uzaw vjolenza sabieg igeghlu lil John Mc Kuoen jaghmel xi haga, jhalli ssir, jew jonqol milli jaghmel xi haga.

U lil David Schembri wahdu talli fl-istess hin, lok, data u cirkostanzi

d) Kellu fil-pussess tieghu arma tan-nar minghajr licenza tal-Kummissarju tal-Pulizija, bi ksur tal-artikolu 3 tal-Kapitlu 66, tal-ligijiet ta' Malta;
e) U talli kellu fil-pusses tieghu munizzjon minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Puliziju, bi ksur tal-artikolu 3 tal-Kapitolu 66, tal-Ligijiet ta' Malta;
f) Kif ukoll talli fl-istess data, lok, hin, u cirkostanzi, huwa zamm u garr strument li jaqta' u bil-ponta minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;
g) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, fil-hin li kien qieghed jaghmel delitt kontra l-persuna ta' John Mc Kuoen Kollu fuq il-persuna tieghu xi arma tan-nar/arma regolari bi ksur tal-Artiklu 26A tal-Kapitolu 66;

h) Talli fl-istes data, hin, lok u cirkostanzi, heddidt serjament lil John Mc Kuoen b'arma ai terminu tal-Kapitolu 338 tal-Kapitolu 9.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Rat l-kunsens tal-Avukat Generali u tal-Imputati sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Mix-xhieda tal-Ispettur Josric Mifsud jirrizulta illi l-Pulizija ta' l-Ghassa tal-Qawra kienu rcivew telefonata ghall-assistenza minn certu Lavinia Bishop (li kienet incinta), fis-sens li kien hemm ragel li qieghed isawwata fid-dar taghha. Spettur Mifsud xhed illi huwa kien baghat lill-Pulizija mill-Qawra u fl-istess hin informa lill-*mobile unit* li kienu jippetroljaw fil-vicinanzi. Spettur Mifsud xhed illi ftit wara dan, il-Pulizija rcivew telefonata ohra fis-sens li l-argument kien issetiljat u ma kienx hemm bzonn ta' aktar assistenza. Gara pero illi l-Pulizija tal-*mobile squad* kienu fil-vicinanzi tat-triq Katrina Vitale u semghu lehen ta' persuna jokrob u nizlu jaghmlu tfittxija u sabu lil John Mckuoen mixhut mal-art bid-demm jiskula mir-ras u mil-halq. Il-Pulizija tal-*mobile* infurmaw l-Ambulanza. Surgent 455 Sammut illi acceda minnufih fuq il-post ikkonferma li Mckueon gie mehud l-Isptar bl-Ambulanza u li qabel sar dan informa lill-Pulizija li xi persuni kienu heddewh b'arma tan-nar.

Spettur Mifsud xehed illi ghaldaqstant il-Pulizija marru fir-residenza ta' Bishop fejn sabu wkoll lill-imputati Baldacchino u Schembri u certu Emma Vella. Dawn kollha gew mizmuma mill-Pulizija ghall-aktar stharrig. Il-Pulizija wkoll gew mghoddija arma tan-nar illi kienet qeghda fil-

kamra tas-sodda ta' Lavinia Bishop. Giet imsejjha Inkjesta Magisterjali u l- Magistart Inkwirenti Dr Silvio Meli innomina diversi esperti.

Lavinia Bishop xehdet fl- inkjesta, u qalet li kienet stiednet li John Mckueon sabiex jghix ghandha ghal- certu ammont ta' flus stabbilit izda kien inqala disgwit bejniethom ghaliex Mckueon ma riedx jibqa jhallasha u kien agressiv lejha tant li bdiet tibza minnu. Illi ghaldaqstant Bishob kienet cemplet u gharfet b' dana kollhu lil imputat David Schembri, habib taghha, u dan cempel lil Baldacchino.

Jidher li wiehed mill imputati kien ikkuntatja lil pulizija. L-Ispettur Mifsud xehed li Lavinia kompliet tghidlu li Mckueon kien ramilha l- *mobile phone* fil –gonna adjacenti ma l- appartament taghha u kien seraq jew heba diversi ogetti ta gojjelerija taghha flimkien mal- kamera tar- ritratti taghha. Illi ftit wara kienu waslu l- imputati fuq il- post flimkien mat- tfalja Vella li ma kinitx taf qabel. L- imputati dahlu fil-flat ta' Bishop, sabiex ikellmu lil Mckueon wehidhom u wara ftit semghet xi storbju. Bishop telghet u sabet lill David Schembri b' arma f' idejh ipuntata lejn Mckueon. Illi permess ta l- ghajnuna ta' Schembri u Baldacchino, Mckueon iritorna il- gojjelerija li kien qieghed taht il- *cushions* tas- sufan. Izda ghar- rigward tat- *telecell* u tal-*camera* tar- ritratti, Mckueon baqa jsostni li dawn tefahom ghal- isfel. L- Ispettur Mifsud xehed illi l- imputati ippermettew lil Mckueon jaqbez ghal- btiehi ta' terzi persuni sabiex ifittex il- *mobile phone* ta' Bishop.

L- Ispettur Mifsud xehed illi irrizulta illi wara li Mckueon qabez l- ewwel bitha, Mckueon qabez ghall dak li huwa haseb kienet ser tkun bitha ohra, fi sforz biex jahrab, mentri fil fatt qabez ghall- go barriera li kienet fond ta' tlieta jew erbgha sulari. Meta l- imputati semghu ghajta kbira, huma hargu barra halli jfitxuh u fil- fatt sabuh mitluq fl- art u cemplu ghal- Ambulanza u ghal- Pulizija.

In kontro ezami l- Ispettur Mifsud ikkonferma li Bishop kienet tqila u li kienet cemplet ghall- assistenza tal-Pulizija peress li Mckueon kien hadilha ogetti personali kontra l- volonta' taghha u kien qed isawwatha.

Il- Brigadier Maurice Calleja ipprezenta ir- rapport Dok MC (a fol 48) u l- konkluzjoniet tieghu fis- sens illi kkonferma li l- pistola, kienet pistola ta l- arja u li kienet tiehu tmien pellets ta kalibru ta' **.**177. Kellha apparenza ta' *semi automatic pistol* u kienet tiffunsjona tajjeb.

(a fol 52) Gie ezebit il- process verbal.

Dr Veronica Aquilina (a fol 113) ikkonfermat ir- relazzjoni taghha Dok VA.

**Illi mix- xhieda ta John Mckueon ( ara fol 115 sa 121), Mckueon ma ftakar xejn dwar kif wegga u ta' biss rakkont ta' dak li qaltlu li gara Lavina Bishop.**

Il perit Valerio Schembri ezebixxa ir-relazzjoni tieghu dwar konstatazzjoniet fuq il- post bi pjanta annessa.

PS 404 Camilleri a fol 164 ikkonferma ir- rapport tieghu fl- inkjesta.

Il-Brigadier Calleja (a fol 166), rega ikkonferma ir-rapport tieghu. Fuq mistoqsija tal- Qorti, Brigadier Calleja xehed illi pallet ta' dan l- *air gun* ippenetrat xi nofs pulizier meta giet sparata go l- injam.

Robert Cardona (a fol 169), u PC 716 Mercieca ikkonfermaw ir- rapporti taghhom fl- inkjesta.

L- Ispettur Josric Mifsud (a fol 172) ipprometta li se jezebixxi l- istqarriji ta' l- imputata f' seduta li jmiss.

PS 635 Alan Calleja kkonferma x- xhieda moghtija minnhu fl- inkjesta. F' din ix- xhieda PS Calleja stqarr, li Mckueon qallu li xi hadd kien imbuttah. Ikkonferma wkoll li kien skorta lil imputati fl- ghassa tal- Pulizija.

**Surgent Sammut ikkonferma li kien ha r-rapport ta' Lavina Bishop ghall- assistenza tal- pulizija u kkonferma x- xhieda li ta fl- inkjesta waqt li (a fol 180) ezebixxa l- okkorenza Dok PS.**

Spettur Josric Mifsud (a fol 188) ezebixxa iz- zewg stqarriji taz- zewg imputati u cioe Dok JMX (a fol 190), JMX 2 (a fol 193) u JM3 (a fol 198) u JM4 (a fol 200).

Illi fl- istqarriji l- imputati ikkonfermaw illi Bishop cemplitilhom ghal- ghajnuna li waslu fuq il- post u sabuha barra; dahlu fir residenza ta' Bishop u ftit wara dahlet Bishop, illi huma bdew jippruvaw ikellmu lil Mckueon illi pprova jagredixxi lil Bishop go zaqqha u beda jghidilha li ma kienx jimpurtah mit- tarbija u li ried lilha biss. Kien f' dan il- mument li l- imputat David Schembri hareg l- arma u Mckueon beda jikkopera ma l- imputati billi ta' indikazzjoni fejn heba l- gojjellerija ta' Lavinia u ghadda l- flus li kellhu jaghti lill Lavinia. Illi mbaghad l- imputati bdew icemplu mil- *mobile phone* taghhom sabiex jistabilixxu fejn kien il- *mobile phone* ta' Lavinia. Illi nizel isfel fil- gnien u tela' mac- cint tal-bitha halli jara jarax il-*mobile phone* ta' Lavina u Mckueon qallu li kien hemm sellun vicin. Illi f' dan il- hin Bishop qalet lil imputati li kienet qed tissuspetta li Mckueon kien ser jahrab, pero' l- imputati li kienu jafu li l- pulizija kienet diga msejha, hallew lil Mckueon jitla fuq is- sellun biex ifittex il-*mobile phone* ta' Lavina. Mckueon beda miexi aktar fil-fond fil-gonna adjacenti, u ghamel ta bi ruhu li sab xi haga u ftit wara semghu ghajta kbira " ghajta qawwija ta' bdiedem imwerwer u tisbita kbira"( a fol 196). Illi immedjatament l- imputati hargu mill- appartament u marru jfixxu lil Mckueon u skoprew illi l- hajt divizorju tal-gnien adjacenti mal- gnien ta' Lavinia, kien jaghti ghall- barriera. Illi huma cemplu mill ewwel ghal- Pulizija u ghal- Ambulanza u stennewhom jaslu fuq il- post biex jindikawlhom fejn kien Mckueon.

PS 239 ezebixxa r- relazzjoni tieghu hamsa u ghoxrin ritratt JC 1 sa JC 25.

L-Ispettur Edmond Cuschieri (a fol 213), ikkonferma l- prezenza tieghu ghall- istqarrija JMX 4.

Spettur Therese Sciberras ezebiet ic- certifikat tat- twelid u Fedina Penali taz- zewg imputati (ara wkoll a fol 236 sa

238). (a fol 239) Spettur Sciberras xehdet li l-imputat David Schembri fid-data ta’ l- incident kellu licenzja ta l-*air pistol* indikat.

Professor M.T Camilleri (a fol 224 ),ezebiet ir- rapport ta’ l-awtopsja fejn ikkonkuldit illi :

**“The death of this male is due to pulmonary thromboembolism following injuries to the spine resulting from a fall from a height.”**

Spettur Therese Sciberras (a fol 236) ,regghat ezebit il-Fedina Penali ta’ l-imputati.

Spettur Therese Sciberras (a fol 239) ikkonfermat li kellu licenzja ghall-*air pistol* A6465684 pero ma kellhux *to carry,* illi di piu ghall-rigward ta’ sikkina ta’ tul anqas minn 8 centimetri ma jirrekredix licenzja tal-Pulizija izda is-sikkina inkwistjoni kienet ta’ 12 il-centimetru.

L-imputat David Schembri ikkonferma li Lavinia Bishop kienet habiba antika tieghu. Ikkonferma illi fid-data citata l-akkuza kien rceva telfonata minghand Bishop li talbitu icempel lill-Pulizija ghaliex ir-ragel li kien qieghed jghix f’darha kien qieghad igib ruhu hazin mahha u kien qed jabbuzha verbalment. Filfatt Schembri xehed li waqt li kienet qedgha tkellmu Bishop seta’ jisma vuci maskili jirredikolha. Illi wara xi hmistax il- minuta Bishop regghet cemplitlu, fi stat isteriku u gharrfet lill-Schembri illi Mckueon kien qieghed issawatha bil-ponn fl-istonku u serqilha il- gojjellerija taghha . Illi ghaldaqstant huwa mar fir-residenza ta’ Lavinia bil-mutur tieghu u baghat messag lill-Charles Baldacchino biex jinfurmah bis-sitwazzjoni li kienet tinstab fiha Lavinia. Illi infratemp Charles Baldacchino lahaq wasal ghand Bishop qabblu, u sabhu mal-habiba tieghu Anna barra mill-flat ta’ Lavinia. Huwa jghid illi Lavinia kienet barra wkoll titrihed u tibki , liebsa biss *night dress*. Hija kienet fi stat isteriku u qaltilhom li Mckueon kien refa’ idejh fuqha u seraqha. Hija infurmat li kienet diga cemplet lill-Pulizija u dawn kienu fit-triq. Illi ghaldaqstant Schembri tela’ fuq u beda jkellem lill-Mckueon bil-kelma it-tajba, u talbu biex jirritorna il-*mobile*

*phone*, digital camera u l-gojjellerija ta' Bishop, waqt li Mckueon beda jirrispondi b'arroganza illi ma kienx jaf fejn kienu dawn l-affarijiet. Schembri xehed illi huwa canfar lill Mckueon talli sawwat lill-mara b'sitt xhur u nofs tqala u avzah li l-Pulizija kienu fit-triq. Mckueon infurmah li kien waddab il-*mobile phone* ghall-isfel. Illi wara ftit tela' Charles Baldacchino fil-flat u Schembri rrnexxilu jikkalma is-sitwazjoni, razzan lill- Mckueon li min-naha tieghu ametta li kien heba il-gojjelerija that il-*cushions* tas-sufan u irritornhom. Schembri xehed illi Bishop kienet tahdem ta' *hairdresser* u kellha il-lista bin-numri tat-*telephones* tal-klijenti taghha, li kienu importanti hafna ghax-xoghol taghha. Mckueon offra illi jinzel biex ifittex il-*mobile phone* ghaliex kien hu li waddbu ghall-isfel. Mckueon nizel fil-bitha tal-fond adjacenti permezz ta'sellun, u armat b'*torch,* beda jfittex dan il-*mobile phone* waqt li l-imputati bdew iccemplu il-*mobile number* ta' Lavinia sabiex Mckueon ikun stradat mill-hoss tad-daqq tal-*mobile phone*. L-imputat Schembri xehed illi la hu u lanqas Baldacchino ma nizlu fil-bitha tal-fond adjacenti. Nell- frattemp il-Pulizija kienu ghadhom ma waslux fuq il-post. Mckueon baqa' diehel il-gewwa fil-bitha tal-fond adjacenti u wara ftit hin Schembri sema' ghajta u tisbita kbira. Schembri xehed illi wara l-ahhar hajt tal-bitha adjacenti, kien hemm barriera. Schembri xehed illi kif semghu l-ghajta huma hargu jigru, daru mal-blokk u semghu lill- Mckueon jokrob bl-ugiegh. Illi imedjatament huma cemplu ghall-Ambulanza u *Civil Protection*. L-imputat Schembri ( a fol 10 *) xehed illi huwa mar ghand Lavinia b'intenzjoni tajba biex jidefendi lill- habiba tieghu li kienet tqila, minn swat fuq il-persuna taghha. Jghid li kien imwerwer daqs Bishop. Jikkonferma illi fl-ebda hin ma rabat jew sakkar lill Mckueon go xi kamra. Jghid pero li Mckueon waqaf meta ra l-arma f'idejh. L-imputat Schembri xehed illi meta ikkwitat is-sitwazzjoni , Mckueon beda jirritorna l-oggetti misruqa u ghaldaqstant huwa refa' l-arma fic-cinturin tal-qalziet. Wara ftit Mckueon rega' beda jaghmel l-arja , u ghalhekk Schembri rega' hareg l-arma . B'hekk Mckueon ikkalma mal-ewwel. Schembri xehed li meta hu nizel biex jassisti lill Mckueon u lill-Pulizija, huwa halla l-arma fil-kamra tas-sodda ta' Bishop.

In kontro ezami l-imputat Schembri ikkonferma li l-arma kienet registrata f'ismu. Ghall rigward tas-sikkina din kienet *a diving knife* u hadha mieghu ghaliex beza' li Mckueon seta' kien armat . Schembri ikkonferma li hu dahal fl-appartament ghaliex il-bieb ta' barra ma kienx imsakkar. Huwa xehed illi huwa dahal fil-*flat* ghaliex beda jibza' li l-imputat setgha jahrab kif filfatt ipprova jahrab. Schembri xehed illi kif dahal Mckueon ipprova jattakah u kien hemmhekk illi huwa hareg l-arma u qallu bil-lingwa Ingliza sabiex ma jicaqlaqx ghax kienu gejjin il-Pulizija, illi minn hemmhekk ikkalma u wara ftit dahal Charles u Lavinia. Sussegwentement bdew id-domandi dwar, il-gojjellerija, il-*camera* u l-*mobile phone* misruqa. Mckueon iritorna il-gojjelli pero l-*camera* u l-*mobile phone* baqghu ma nsabux. Illi wara dan ,Schembri sar jaf illi Mckueon waddab il-*mobile phone* fil-fond tal-bitha adjacenti. Mckueon offra illi jinzel hu ghaliex kien jaf fejn waddbu, gie moghti *torch* u baqa' sejjer iktar gewwa fil-propjeta sabiex ifittex il-*mobile phone* u kien hemm li semghu **" Ghajta li ghadha twahhaxni sal-llum"** ( a fol 20*).

In kontro ezami rega' ikkonferma li cempel 112, ic-Civil Protection . Schembri xehed illi fil-propjeta adjacenti ma kien hemm ebda periklu.

Carmel Baldacchino ikkonferma ix-xhieda ta' l-imputat Schembri. Xehed illi kien ilu jaf lill-bishop ghall-zmien konsiderevoli, u li hu ,Schembri u Bishop kienu fl-istess grupp ta' hbieb. Illi huwa kien hareg mat-tfajla tieghu Emma u kienu ghall-habta tad-disgha meta dahal SMS minghand David Schembri li infurmah li Lavinia kienet qedgha tigi misruqa u li Schembri kien sejjer jaghtiha l-ghajnuna. Baldacchino xehed illi huwa kien jaf li Lavinia Bishop kienet fi stadju avvanzat tat-tqala u ghaldaqstant huwa saq ghall ghand Bishop u cempel lill-Pulizija. Meta wasal ix-Xemxija, huwa cempel lill-Schembri li infurmah li il-Pulizija kienu fi triqthom. Meta wasal fuq il-post sab lill-Lavinia barra fuq il-parapett bin-*night dress* u hafja u kienet isterika. Huwa u Emma bdew jippruvaw jikkalmawha u ftit wara wasal David. Baldacchino sar jaf minn ghand Lavinia li kien ghad hemm persuna fil-*flat* taghha u Schembri infurmah li kien se jithol. Baldacchino

rega’ staqsih dwar il-Pulizija u Schembri qallu illi kienu gejjin. Baldacchino xehed (a fol 5 *) illi, meta dahal, il-*flat* kien mixghawl u sab lill David jindirizza lir-ragel biex jikkalma. Dan ir-ragel kien hiereg mit-*toilet* fejn kien qieghed jistahba. Baldacchino xehed illi Mckueon ma kienx twil, izda kien mibni sew,kien agitat, arroganti u beda jghajjat maghhom. Baldacchino xehed li Schembri beda jitlob ghar-ritorn tal-*mobile phone*, tal-*camera* u gojjelli, u Mckueon beda jghidlu li ma kien jaf xejn dwarhom. Baldacchino xehed illi Mckueon kellu riha ta’ xorb. Hu ipprova jiehu lill Mckueon bil-kelma it-tajba izda ma rrnexxielux, u f’dan il-hin dahhlet Lavinia fil-*flat* li bdiet tallega li Mckueon kien seraqha.

Mckueon infurmah illi l-mitt Lira li kien hemm fuq il-mejda kienu tieghu, u irrizulta li Mckueon kellu jaghti lill Lavinia ghas-soggorn tieghu il-fuq minn dan l-ammont. Lavinia f’dan il-mument kienet qedgha tibki u infurmathom li Mckueon kien sawwatha direttament fuq zaqqha minkejja illi kellha tqala ta’ sebgha xhur.F’dan il-mument Mckueon beda jghidilha: **“all I want is you not the baby,”** ( fol 8*) . Illi bill-permess ta’ Mckueon, Baldacchino beda jghodd il-flus u irrizulta li Mckueon ma kellux flus bizzejed biex ikopri is-soggorn tieghu skond kif miftihem. Baldacchino xehed illi kien fil-mument li Lavinia kienet infurmathom li Mckueon kien sawwatha fuq zaqqha, kien il-mument li David Schembri hareg l-arma. Baldacchino xehed illi huwa nhasad meta ra l-arma u beda jghajjat hafna ma Schembri. Baldacchino xehed illi wara ix-xokk inizjali ,huwa haseb li l-arma kienet *toy* jew *imitation .* Baldacchino xehed illi Mckueon kien ikkoopera u ta l-gojjelli ta’Bishop, u li Schembri nehha l-arma f’qasir zmien. Baldacchino ikkonferma l-importanza tal-*mobile phone* ta’ Bishop u l-informazzjoni li Mckueon kien remilha il-*mobile phone* fil-bitha tal-fond adjacenti. Baldacchino xehed ukoll li sab il-hwejjeg ta’ Mckueon ippakjati fil-bagalja tieghu fl-intrata. Baldacchino ikkonferma li John Mckueon offra li jinzel fil-bitha tal-fond adjacenti biex ifittex il-*mobile phone* u dan nizel fit-tali bitha permezz ta’ sellun ta’ Bishop. Illi kif nizel, Baldacchino ghaddielu it-*torch* , Mckueon beda jfittex, u wara ftit Baldacchino sema’ ghajta qawwija u tisbita kbira. Illi hu u Schembri hargu jigru, daru

l-kantuniera u sabuh f'qiegh ta' barriera. Ghalhekk cemplu ghall-Ambulanza, u baqghu ma Mckueon jikkalmawh u jkellmuh sakemm gew il-*Fire Engine* u l-Ambulanza .

In kontro ezami Baldacchino xehed illi Schembri kien qallu bil-lingwa Maltija li l-arma kienet imitazzjoni u li kien harigha biss sabiex ibezza lill Mckueon. Baldacchino xehed illi huwa kien irrabja u ghajjat ma Schembri ghaliex Baldacchino beda jibza' illi l-arma kienet ser tqanqal reazzjonijiet aktar agressivi minn Mckueon. Baldacchino ikkonferma illi fl'ebda hin ma kien razzan, jew rabat lill Mckueon. Baldacchino xehed illi fl'ebda hin ma kien ra xi arma ohra. Baldacchino ikonferma li Mckueon kien heddet lill-Lavinia fil-prezenza tieghu u li Lavinia kienet cemplet lill-Pulizija.

Fix-xhieda taghha Lavinia ikkonfermat illi hija kellha tifel ta' hames snin u dak iz-zmien kienet tqila u li kellha lill Mckueon jghix fil-*flat* taghha kontra hlas. Illi wara xi ftit jiem hija sabet lill Mckueon iqalleb fi hwejjigha u bil-lejl kien qieghed iqum u juza' il-kompjuter taghha sabiex jindaga fuq l-affarijiet personali taghha. Bishop xehed illi Mckueon kien miftihem li jhallasha mitejn Lira Maltin ghall –ghaxart ijien soggorn u jhallas nofs il-prezz ta' l-ikel. Illi hija talbitu ghall-sehmu ghall-affarijiet ta' l-ikel, u huwa beda jirrifjuta, kien arroganti maghha, beda jimbutahha minn zaqqha u hi bdiet tibza u cemplet lill-Schembri li ta' parir li ccempel lill-Pulizija. Hija ppruvat tikkalma lill Mckueon izda dan fetah flixkun inbid u beda jixrob. Bishop xehed illi Mckueon kien diga ikonsma sitt birer dik il-gurnata, illi ftit wara hareg fil-bitha u beda jgharrex halli jara x'kien hemm wara ic-cint l-gholi. Rega dahal fil-fond ta' Bishop u beda jsawwatha f'wiccha, f'sidirha u fl-istonku taghha u kien hemm li cemplet lill-Pulizija.

Mckueon ,li kien fi stat ta' sokor, beda jipretendi li ikollu x'jaqsam maghha sesswalment u hi irrifjutat minhabba l-kundizzjoni taghha. Illi ghalhekk dahhlet fil-fond taghha biex iccempel lill David u hemmhekk indunat illi l-*mobile phone* taghha kien nieqes. Mckueon qalilha li kien tefghu ghall-isfel, illi wara dan hija bdiet tfittex il-gojjellerija taghha ( ara lista a fol 7 * tax-xhieda taghha) u sabet li

kellha kollox nieqes, inkluz il-*camera* taghha. Mckueon, b'ton arroganti, qalilha li ma kellhiex bzonn dawk l-affarijiet meta hi talbitu ghar-ritorn taghhom. Illi hemmhekk hija cemplet lill-David mit-*telephone* tad-dar taghha. Bishop ikkonfermat li f'dan il-hin hija kienet fi stat ta' paniku u kienet qedgha tibki, **u talbitu ghall-ghajnuna ghaliex il-Pulizija kienu ghadhom ma wasslux.** Illi hija rat lill Mckueon qieghed iqalleb fil-*handbag* taghha u ippruvat tiehu l-*handbag* lura ghaliex kellha ic-cwievet tad-dar u hemmhekk Mckueon ta' daqqa b'minkbejh f'grizmejha u fl'istonku taghha tant li qatghalha nifisha. Mckueon beda jimblokka l-access ghall-bieb ta' barra u hi ghalhekk dahlet fil-kamra tas-sodda taghha waqt li hu avvicinaha ixxejjer cinga tal-kelb u ndirizzaha bil-kliem :
**"You are going to get what you deserve, you don't deserve to have the baby,"**( a fol 10 *).
Hija baqghat fil-kamra tas-sodda taghha u meta semghet il-hoss ta' mutur, jirnexxielha li tohrog mill-*flat* inkiss inkiss u sabet lill-Baldacchino. Bishop xhedet illi wara li wasslu l-imputati, hija infurmathom b'dak kollu li gara, izda baqghet barra waqt li l-imputati kienu dahhlu fil-*flat*.

Hija xhedet li meta dahhlet fil-*flat* taghha sabet li Mckueon kien arroganti u aggressiv hafna lejn l-imputati. Bishop bdiet titolbu ghall-gojjelli taghha, u hu qalilha li hi ma kelliex bzonnhom, u li tarbija li kellha fil-guf kellu jmut. Illi David Schembri hareg oggett li kien jidher li kien pistola u talab lill Mckueon jghidilha fejn kien qieghed l-oggetti propjeta ta' Bishop.

Illi minn dan il-punt il-quddiem, Mckueon isserja u irrealizza li l-Pulizija kienu ser jaslu fuq il-post fi zmien qasir u ghaldaqstant beda jikkoopera billi rritorna uhud mill-gojjelli, izda l-imsielet tal-brillanti u l-*camera* baqghu neqsin. Mckueon infurmahom ukoll li hu kien waddab il-*mobile phone* ghall-ifsel fil-bitha tal-gara li minn hemmhekk, permezz ta' sellun Mckueon tela fuq ic-cint u qabez ghall-bitha tal-gara, waqt illi Lavinia baqghat tfittex l-imsielet u tistenna l-Pulizija. Bishop xhedet illi f'mument regget harget barra u semghet lill Mckueon jghid : ***" I think I can see it ,"*** ftit wara l-imputati kienu dahhlu jigru u qalulha li Mckueon kien waqa' fil- barriera illi adjacenti

ghall-gnien tal-gara u hargu sabiex jghinuh u sejhu ghall-asistenza tal-Protezzjoni Civili u l-Ambulanza.

In kontro ezami Bishop xhedet li saret taf lill Mckueon minn fuq l-*internet* , minn *dating site*. Bishop xhedet illi l-imputati ma kienux agressivi meta kienu qeghdin jitkellmu ma Mckueon, imma kienu qeghdin ikellmuh b'ton ferm. Innegat illi kienu qeghdin jghajjtu mieghu, jew jabbuzawh verbalment, u lanqas ma kienu qeghdin iwaddbu l-ghamara l'hawn u l'hinn biex jikrejaw atmosfera ta' biza'. Bishop ikkonfermat illi Schembri hareg l-arma ghall-ftit sekondi ghaliex, Mckueon mal-ewwel ikkoopera wara dan il-mument. Bishop ikkonfermat li l-imputati kienu qeghdin jitkellma ma' Mckueon mill-bitha taghha waqt li Mckueon kien qieghed allegatament ifittex il-*mobile phone* taghha fil-bitha tal-gara. Bishop xhedet li Mckueon waqa' mill-hajt tal-bitha tal-gara taghha ghal go barriera.

Ikkonsidrat:
L-imputati jinstabu akkuzati b'arrest legali ta' Mckueon ai termini ta' Aritikoli 86 tal-Kap 9 b' raggionfattasi ai termini ta' l-Artikoli 85 tal-Kap 9 , u b'uzu ta' vjolenza sabiex iggeghlu lill Mckueon jaghmel xi haga jew jonqos milli jaghmel xi haga.

Ikkonsidrat:

Illi l-Artikolu 86 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta jikkontempla l-arrest detenzjoni jew sekwestru tal-persuna kontra l-Ligi:

**"Kull min bla ordni skond il-Ligi ta' awtorita kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-Ligi taghti is-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, jarresta, izomm, jew jissekwestra lill xi persuna kontra il-volonta taghha jew jaghti il-post biex fih il-persuna tigi arrestata mizmuma jew issekwestrata, jehel meta jinstab hati, il-piena ta' prugienerija minn seba' xhur sa sentejn :**
**Izda il-Qorti tista f'kazijiet hfif taghti il-piena ta' prugienerija minn xahar sa tlett xhur jew multa."**

Illi mix-xhieda fuq indikata huwa evidenti illi Mckueon, li kien qieghed jghix  ma Lavinia Bishop, kien seraq il-gojjelli taghha , il-*mobile phone* u *camera* taghha, naqas illi jhallasha ghall-spejjez ta' l-ikel skond il-ftehim taghhom u meta ikkonfrontat mill-istess Bishop ,dan  agixxa b'manjiera abbuziva u  arroganti , sahhansitra sawwatha , b'mod specjali indirizza is-swat tieghu lejn il-parti taz-zaqq ta' Bishop illi kienet bi gravidanza ta' sitt xhur u nofs.

Illi f'dawn ic-cirkostanzi Lavinia Bishop cemplet lill-Pulizija u lill-habib taghha David Schembri li minn naha tieghu cempel lill-Carmelo Badacchino. Illi wara li l-imputati ippruvaw ikellmu lill- Mckueon u jehduh bil-kelma tajba sabiex jirritorna l-affarijiet misruqa, Mckueon kompla b'attitudni arroganti tieghu, irrifjuta li jirritorna l-affarijiet. Waqt li Bishop irrakontat li-swat da parti ta' Mckueon fil-konfront taghha,  Mckueon ipprova johrog mill-*flat* waqt Schembri jghid illi deher li kien ser ihebb ghalih ( David Schembri ). Kien f'dan il-mument li l-imputat Schembri hareg l-arma li kienet *air pistol* licenzjata mill-Kummmisarju tal-Pulizija.

Illi hija fil- fehma ta' din il-Qorti, li dawn ic-cirkustanzi jaqghu pjenament "fil kazijiet li fihom il-Ligi taghti is-setgha lill-privat li jarresta lill-hati" kif provdut fl-Artikolu fuq indikat.  Dawn il-kazijiet huma unici u ic-cirkustanzi kumplessivi ta' dan il-kaz, **inkluz il-fatt li sal- hin illi Schembri u Baldacchino wasslu sax-Xemxija, l-Pulizija kienet ghadha ma wasslitx fuq il-post ta' Bishop sabiex taghtiha l-assistenza rikjesta ,** jaqghu perfettament fil-paramentri ta' l-eccezzjoni indikati fl-istess Artikolu 86.

Fl-istess manjiera l-imputati jinstabu mixlija ai termini ta' Artikolu 85 tal-Kap 9 , bir-reat tar-ragonfattasi. Illi il-fatti fuq indikati johrog car li l-imputati kienu qeghdin jintercedu biex jiddefendu mara incinta minn swat u serq ta' Mckueon illi kien qieghed jghix fil-*flat* ta' Bishop.

Illi dawn mhumiex cirkustanzi fejn din il-Qorti tista ssib htija ai termini ta' l-Artikolu 85 tal-Kap 9 kif del resto din il-Qorti ma tistax issib htijja ghall-rigward tat-tielet akkuza

ghaliex kien Mckueon li uza vjolenza u uza vjolenza fuq mara ta’ sitt xhur u nofs gravidanza.

L-imputati kienu biss qeghdin jaghmlu uzu mis-setgha tal-privat biex jarresta il-hati kif spjegat fl-Artikolu 86 tal-Kap 9 **sakemm il-Pulizija jasslu fuq il-post. Illi f’dawn ic-cirkustanzi, id-dritt tal-privat ma jistax jigi spostjat u stortat sabiex il-persuna illi ta’ bidu ghal, u kienet il-kagun ta’ vjolenza sostanzjali fuq mara vulnerabbli, jinbidel fi vittma jew almenu jippretendi li ghandu jitqies bhala vittma f’ghajnejn il-Ligi.**

Mckueon, bi sfortuna kbira, spicca hazin ; pero tilef hajtu ghaliex kien qed jipprova jahrab minn Schembri u Baldacchino li kienu qeghdin izommuh sakemm jigu l-Pulizija fuq il-post. Meta fil-kors tal-harba tieghu, qabez it-tieni hajt tal-propjeta adjacenti ( u cioe the *outer wall*), sab illi kien hemm dizlivell ta’ madwar tlieta jew erba’ sulari ghaliex sab illi qabez ghal go barriera.

L-Imputat David Schembri instab akkuzat ta’ diversi akkuzi that il-Kap 66 tal-Ligijiet ta’Malta.

Ghall rigward ta’ l-akkuza tal-pusses ta’ l-arma minghajr il-permess tal-Kummissarju tal-Pulizija ( akkuza d) u pussess ta’ munizzjoni minghajr il-permess tal-Kummissarju tal-Pulizija, din il-Qorti bl-ebda mod ma tista’ ssib htija fl-imputat Schembri. Dan qieghed jinghad ghaliex l- Spettur Sciberras ( a fol 239 ) iddikjarat illi David Schembri kellu licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija ta’ l-*air pistol* indikat fl-akkuza, fis-sena 2005.

Il-Qorti tirrimarka illi l-imputat Schembri ma giex mixli li garr arma tan-nar minghajr licenzja tal-Pulizija.

Illi ghalhekk din il-Qorti ma tistax issib htijja fl-imputat.

Illi ghall-rigward ta’ l-akkuzi g u h, din il-Qorti bl-istess manjiera, ma tistax issib htijja fl-imputat ghaliex ma rrizultaliex i**lli l-imputat Schembri kien qieghed jwettaq xi delitt** waqt illi kellu xi arma tan-nar jew arma regolari u sabet biss, illi Schembri, flimkien mal– koimputat

Baldacchino, kienu qeghdin jezercitaw dritt, li l-Ligi taghti lill-privat, li tissekwestra lill-hati. Huwa kwasi superfluwu li jinghad li dan id-dritt ma jista' jigi qatt interpretat bhala theddida skond il-Ligi al trimenti ma jibqax dritt.

Illi jibqa' ghalhekk illi tigi trattata l-akkuza (f), u cioe iz-zamm u l-garr ta' strument li jaqta' u bil-ponta. Illi jidher mix-xhieda ta' Schembri illi din is-sikkina kienet *a diving knife* u li l-qies taghha, u fi kliemu stess, kienet ta madwar hdax il-centimentru.

Din giet fotografata u ritratti taghha jidhru (a fol 210) tal-process u precizament ir-ritratt 05CWH12 juri it-tul preciz ta' din is-sikkina.

Ghall dawn il-mottivi il-Qorti issib lil Carmelo Baldacchino mhux hati skond l-akkuza u tilliberah; issib lil David Schembri mhux hati ta' l-akkuzi kollha ghajr ghall-akkuza (f) , u wara li rat Aritikolu 28A tal-Kap 9, u Artikolu 13 tal-Kap 66 u tikkundanah ghall-gimgha prigunerija sospiza ghall-sitt xhur.

Din il-piena qedgha tigi akkordata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni ic-cirkostanzi pjuttost parikolari ta' dan il-kaz, u il fatt li l-imputat David Schembri ghandu Fedina Penali nadifa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------